



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

2011/0169(COD)

20.12.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE)
Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-
laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja
(COM(2011)0384 – C7-0170/2011 – 2011/0169(COD))

Rapporteur għal opinjoni: George Lyon

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Kuntest tal-proposta:

Wara l-istaġnar fid-WTO bejn l-Istati Uniti tal-Amerika (US) u l-Unjoni dwar l-importazzjonijiet "taċ-ċanga ttrattata bl-ormoni", issa ntlaħaq ftehim bejniethom li se jtemm dan l-argument fit-tul u dannuż.

Din is-soluzzjoni, innegozjata bejn Catherine Ashton, li f'dak iż-żmien kienet il-Kummissarju tal-Kummerċ tal-UE, u l-Gvern tal-Istati Uniti, ġiet iffirmata fit-13 ta' Mejju 2009. Il-patt jipprevedi arranġament fuq żewġ fażijiet fejn l-Istati Uniti jnaqqas il-livell ta' sanzjonijiet imposti fuq il-prodotti mill-Unjoni, filwaqt li l-Unjoni żżid gradwalment il-kwota tar-rata tariffarja tagħha (TRQ) għaċ-ċanga "Ta' Kwalità Għolja" ħielsa mill-ormoni¹ L-ewwel fażi ta' dan il-ftehim ġiet stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li fetaħ ammont addizzjonali TRQ ta' 20 000 tonnelli u biex ipattu għalih l-Istati Uniti nehhejw 68% tas-sanzjonijiet elenkati tagħhom. Issa huwa ż-żmien li tiġi approvata t-tieni fażi ta' dan il-ftehim li għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Awwissu 2012, skont il-Memorandum ta' Ftehim rilevanti² Dan it-tieni pass jinvolvi t-tneħħija kompleta tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti, bi skambju għal aktar espansjoni tat-TRQ tal-Unjoni b'25 000 tonnelli għall-Istati Uniti u 3 200 tonnelli għall-Kanada.

Għall-ewwel darba, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed iwettaq proċess ta' koleġiżlazzjoni dwar dan id-dossier skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

Pożizzjoni:

Ir-Rapporteur tiegħek isostni bil-qawwi l-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja.

Ir-Rapporteur tiegħek jixtieq jenfasizza xi wħud mill-benefiċċji prinċipali li dan il-ftehim se jgħib għall-Unjoni.

1. Dan il-ftehim jagħmilha possibbli għall-Unjoni biex **tibqa' żżomm fis-seħħ il-projbizzjoni tagħha ta' laħam u prodotti tal-laħam trattati bl-ormoni**, minkejja l-fatt li l-Unjoni nstabet fi ksur tal-obbligi WTO tagħha.
2. L-adozzjoni tat-tieni fażi ta' dan il-ftehim hija vitali għall-Unjoni biex tikseb **tneħħija bis-sħiħ tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti** li tpoġġew fuq prodotti Ewropej li joriġinaw mis-26 Stati Membri (kollha minbarra r-Renju Unit) li jammonta għal aktar minn 250 miljun dollaru Amerikan f'termini kummerċjali attwali. Xi wħud mill-benefiċjarji ewlenin li għandhom x'jigggwadanjaw mit-tneħħija tas-sanzjonijiet huma l-Italja li se tiggwadanja valur kummerċjali ta' aktar minn 99 miljun dollaru Amerikan, il-Polonja li se tiggwadanja valur ta' 25 miljun dollaru Amerikan, il-Greċja u l-Irlanda li se jiggwadanjaw valur ta' 24 miljun dollaru Amerikan kull wieħed, il-Ġermanja u d-Danimarka li se jiggwadanjaw valur ta' 19-il miljun dollaru Amerikan kull wieħed, Franza li se tiggwadanja valur ta' 13-

¹ Għad-definizzjoni eżatta ta' "Ċanga ta' Kwalità Għolja" għall-fini ta' 'dan il-ftehim b'mod partikolari, ara l-Artikolu VI tad-Dokument ta' WT/DS26/28 tat-30 ta' Settembru 2009

² Dokumenti WT/DS26/28 tat-30 ta' Settembru 2009 u WT/DS48/26 tat-22 ta' Marzu 2011

il miljun dollaru Amerikan u Spanja li se tiggwadanja 9 miljun dollaru Amerikan. Xi wħud mill-prodotti nazzjonali ewlenin affettwati mis-sanzjonijiet huma: l-ilma minerali, il-laħam tal-majjal, il-frott ippreservat fil-laned u dak ippreparat, iċ-ċikkulata, il-meraq, il-ħafur, iċ-ċuwingamm, il-ġamms, il-ġobon Roquefort, it-tartuf frisk, eċċ.

3. Jekk il-ftehim se jiġi rrifjutat, is-sanzjonijiet se jergħu jiddaħħlu u l-proċess għar-risoluzzjoni tat-tilwim se jikkollassa. L-Unjoni se ssib ruħha **fir-riskju li ġġarrab miżuri ulterjuri ta' ritaljazzjoni**, fejn se jkollha effettivament tikkumpensa lill-Istati Uniti għall-ħsara kkawżata minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħha mad-deċiżjonijiet tad-WTO.
4. **Għandu** jiġi osservat ukoll li l-impatt tat-tieni fażi tal-ftehim fuq is-suq taċ-ċanga tal-UE għandu jkun żgħir, peress li **l-kwota tariffarja awtonoma addizzjonali** għaċ-ċanga ħielsa mill-ormoni **tikkorrispondi biss għal 0.36% tas-suq tal-UE kollu taċ-ċanga u tal-vitella**¹
5. **Fil-konklużjoni** ta' dan il-ftehim finali, il-Parlament Ewropew jibgħat **sinjal importanti ħafna** lill-Istati Uniti li hija lesta tapprofondixxi r-relazzjonijiet kummerċjali trans-Atlantiċi u ttejjeb risoluzzjonijiet għar-risoluzzjoni tat-tilwim fid-WTO, billi jitħaddan mod kif isir progress f'kwistjonijiet diffiċli, aktar prammatiku u anqas ta' ħsara politikament.

L-Istati Uniti diġà qablu dwar sospensjoni sħiħa tas-sanzjonijiet kollha kontra l-Unjoni f'Mejju 2011, li twitti t-triq għal implimentazzjoni rapida tat-tieni fażi tal-ftehim. Huwa għalhekk importanti għall-Unjoni li min-naħa tagħha tonora l-ftehim fil-ħin biex tintlaħaq l-iskadenza tal-1 ta' Awwissu 2012.

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jipproponi li l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fejn jieħu f'idejha il-proposta tal-Kummissjoni.

¹ ara l-bażi ta' data tal-Eurostat dwar il-produzzjoni taċ-ċanga bhejjem (ċifri dwar kemm inqatlu fis-sena 2010)

PROCĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja	
Referenzi	COM(2011)0384 – C7-0170/2011 – 2011/0169(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 5.7.2011	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.7.2011	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	George Lyon 26.9.2011	
Eżami fil-kumitat	5.10.2011	22.11.2011
Data tal-adozzjoni	20.12.2011	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35	–: 1
	0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Richard Ashworth, Liam Aylward, Luis Manuel Capoulas Santos, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Iratxe García Pérez, Sergio Gutiérrez Prieto, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Elisabeth Köstinger, Agnès Le Brun, George Lyon, Gabriel Mato Adrover, Mairead McGuinness, Mariya Nedelcheva, James Nicholson, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Papastamkos, Marit Paulsen, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Marian Harkin, Christa Klauß, Giovanni La Via, Astrid Lulling, Milan Zver	